**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hadd 17 ta' Mejju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**vs**

***Omissis***
***Omissis***
**Luis Casas Pombo**
**Jorge Martin Gutierrez**
***Omissis* u**
**Blanca Fibla Ganzenmuller**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet - kif korretti mill-Ufficjal Prosekutur qabel il-prezentata - migjuba kontra:

***Omissis***, u

*Omissis*, u

**Luis Casas Pombo**; iben Luis u Maite xebba Pombo, residenti Flat 7, Belgrave Court, Triq il-Hemel, Swieqi, imwieled Spanja nhar it-tmienja (8) ta' Gunju 1990 detentur tal-karta tar-residenza Maltija bin-numru: **162874A**, u

**Jorge Martin Gutierrez** ; iben Antonio u Yolanda xebba Gutierez, residenti M1, Crimson Court, Triq il-Molletta, Swieqi, imwieled Spanja nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru 1995 detentur tal-karta tal-identità Spanjola **05957080B**, u

*Omissis*, u

**Blanca Fibla Ganzenmuller**; bint Daniel u Monika xebba Ganzenmuller, Flat 7, Belgrave Court, Triq il-Hemel, Swieqi, imwielda Spanja nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 1998 detentriċi tal-karta tal-identità Spanjola **23926309F**

Akkuzati talli nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju 2020 għall-ħabta tal-għaxra ta' bil-lejl (2200hrs) barra l-istabbiliment Happy Dayz Bar ġewwa ix-xatt ta' Spinola, San Ġiljan;

1. Inġurjaw jew heddew jew għamlu offiża fuq persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxu jew jbezzgħu fuqhom kontra il-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
   (Art. 95 tal-Kap. 9 Ligijiet ta' Malta);

2. Kisru l-ordni li ngħatat mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika li tipprojbixxi grupp ta' iktar minn erbgħa (4) persuni f'postijiet pubbliċi;
   (Reg. 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.41 u Reg. 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.35)

3. Ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallewx jew fixklu waqt li kienu jgħamlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlulhom fi dmirhom, billi ma ħallewx lis-**surġent 345 Mark-George Cremona**, il-**kuntistabbli 78 Luke Grima**, il-

**kuntistabbli 759 Alan Mercieca**, il-**kuntistabbli 803 Andrew Pullicino** u l-**kuntistabbli 906 Elio Joe Gatt** jgħamlu dak li b'liġi kienu ordnati jew setgħu jgħamlu, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassar dak li PS345, PC78, PC759, PC803 u PC906 kienu għamlu skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;
(Art. 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

4. Ħebbew kontra il-persuna tas-**surġent 345 Mark-George Cremona**, il-**kuntistabbli 78 Luke Grima**, il-**kuntistabbli 759 Alan Mercieca**, il-**kuntistabbli 803 Andrew Pullicino** u l-**kuntistabbli 906 Elio Joe Gatt** sabiex jinġurjawhom, idejjquhom jew jgħamlulhom il-ħsara;
(Art. 339 (1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

5. Volontarjament kisru l-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
(Art. 338 (dd) tal-Kap. 9 Ligijiet ta' Malta)

***Omissis***, ***Omissis*** u ***Omissis*** gew akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi:

6. Attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku, u cioe lil **PS 345 Mark-George Cremona** u **PC 78 Luke Grima**, filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi mill-awtorita' kompetenti;
(Art. 96 (b) tal-Kap. 9 Ligijiet ta' Malta)

Lil ***Omissis*** u **Blanca Fibla Ganzenmuller** flimkien akkużati ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi:

7. Volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew imobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250.00) iżda ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (€2,500.00) għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Kumissarju tal-Pulizija;
(Art. 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Lil ***Omissis*** waħedha nakkużaha ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi:

8. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja tas-**surġent 345 Mark-George Cremona** f'periklu ċar, ikkaġunatlu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;
   (Art. 214, 215 u 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

9. Volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew imobbli, liema ħsara ma' tammontax għal aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250.00) għad-detriment tas-**surġent 345 Mark-George Cremona** u/jew tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Kumissarju tal-Pulizija;
   (Art. 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

10. Volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew imobbli, liema ħsara ma' tammontax għal aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250.00) għad-detriment tas-**surġent 345 Mark-George Cremona**;
    (Art. 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Lil ***Omissis*** waħdu nakkużaħ ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi:

11. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-**kuntistabbli 78 Luke Grima** f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;
    (Art. 214, 215 u 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)
12. Irrifjuta li jagħti jew ta' falz, lil uffiċċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor inkarigat min servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularijiet oħra;
    (Art. 338 (g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Lil ***Omissis*** waħdu nakkużaħ ukoll talli fl-istess data għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa l-għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan:

13. Beżaq xi sustanza għal fuq xi triq jew xi post pubbliku, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew tħollija ma kienx awtorizżat b'Liġi;
    (Reg. 4(e) tal-Ewwel Skeda tal-A.L. 344/05)

Lil **Luis Casas Pombo** waħdu nakkużaħ ukoll talli għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta’ filgħodu ġewwa l-Lock Up tal-Pulizija fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana:

14. Beżaq xi sustanza għal fuq xi triq jew xi post pubbliku, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew tħollija ma kienx awtoriżżat b’Liġi;
    (Reg. 4(e) tal-Ewwel Skeda tal-A.L. 344/05)

15. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita’ jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliex jew fixklu waqt li kien jgħamel d-dmirijiet tiegħu, jew b’xi mod ieħor, bla jedd, indaħallu fi dmirijietu, billi ma ħalliex lis-**surġent 1593** jagħmel dak li b’liġi kien ordnat jew setgħa jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PS 1593 kien għamel skond il-liġi, jew b’xi mod ieħor li jkun;
    (Art. 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Il-Qorti hija mitluba ukoll sabiex f'każ ta’ ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generli sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk ittratata.

Rat li fis-seduta tal-lum, l-Ufficjal Prosekutur irtira l-imputazzjoni numru 13 fil-konfront tal-imputat *Omissis* u l-imputazzjoni numru 14 fil-konfront tal-imputat Luis Casas Pombo.

Sussegwentement, l-imputati Luis Casas Pombo, Jorge Martin Gutierrez u Blanca Fibla Ganzenmuller rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. It-tlett imputati l-ohra iddikjaraw li mhux hatja tal-imputatazzjonijiet dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati Luis Casas Pombo u Jorge Martinez Gutierrez bil-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u senjatament li l-piena massima ghal dawn l-imputazzjonijiet hija

ta’ sitt xhur prigunerija u multa ta’ hamest elef u hamsin Euro u ssopendiet is-seduta sabiex dawn l-imputati jikkonsultaw mal-avukati difensuri taghhom biex jaraw jekk iridux jirtiraw l-ammissjoni taghhom.

Is-seduta giet sospiza

Wara li regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat Luis Casas Pombo jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv u mistoqsi mill-Qorti xi jwiegeb ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih wiegeb li kien hati.

Il-Qorti staqsiet lill-imputat Jorge Martinez Gutierrez jekk jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv u mistoqsi mill-Qorti xi jwiegeb ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih wiegeb li kien hati.

Il-Qorti wissiet lill-imputata Blanca Fibla Ganzenmuller bil-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha, u senjatament li l-piena massima ghal dawn l-imputazzjonijiet hija ta’ sentejn u tlett xhur prigunerija u multa ekwivalenti ghall-hsara li ghamlet fil-propjeta tal-Gvern, kif ukoll multa fil-massimu ta’ hamest elef u hamsin Euro, u ssopendiet is-seduta sabiex din l-imputata tikkonsulta mal-avukati difensuri taghha biex tara jekk tridx tirtira l-ammissjoni taghha.

Is-seduta giet sospiza.

Wara li regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputata Blanca Fibla Ganzenmuller jekk kellhiex hin bizzejjed biex tikkonsulta mal-avukati difensuri taghha, l-imputata wiegbet fl-affirmattiv u kkonfermat ukoll l-ammissjoni taghha.

F’dan l-istadju l-Ufficjal Prosekutur talab is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta’ dawk l-imputati li ma ammettewx ghall-imputazzjoni dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti laqghet t-talba u ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju.

Il-Qorti semghet trattazzjoni dwar il-piena ta’ dawk l-imputati li ammettew ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni taghhom stess, il-Qorti issib lill-imputati Luis Casas Pombo, Jorge Martin Gutierrez u Blanca Fibla Ganzenmuller hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputati irregistraw ammissjoni bikrija u li ghandhom fedina penali netta, u ghalhekk ma hlewx il-hin u r-rizorsi tal-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

It-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames imputazzjonijiet, kif ukoll l-imputazzjoni numru hmistax fil-konfront tal-imputat Luis Casas Pombo ghandhom jitqiesu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni (theddid lill-persuni fis-servizz pubbliku), u dan bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideologiku bejn ir-reati, u bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni.

Il-fedina penali tal-imputati hija wahda netta.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm, u dan, kull ma jmur qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv, iktar u iktar matul dan il-perjodu ta' krizi internazzjonali minhabba l-pandemija tal-Covid-19. Ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew il-protezzjoni tal-ligi w tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom. Konsegwentement, ir-reat kommess mill-imputati huwa wiehed gravi u ta' certa portata.

Pero minn dak li rrizulta lill-Qorti mill-provi prodotti quddiemha, l-imputati ma aggredewx fizikament lil xi ufficjal tal-Pulizija waqt dan l-incident, izda kien hemm ingurji u theddid, waqt li l-Pulizija kienu qieghdin jaghmlu d-doveri taghhom, u fixkluhom u ndahlulhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Fil-kaz tal-imputata Ganzenmuller din sabtet fuq vettura tal-Pulizija, u kkagunatilha d-danni. Ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, piena karcerarja effettiva mhix wahda idonea, pero ghandu jkun hemm piena karcerarja sospiza. In oltre il-multa m'ghandhix tkun fil-minimu taghha.

Fir-rigward tal-imputazzjoni numru seba' (hsara volontarja lill-Gvern ta' Malta) fil-konfront tal-imputata Blanca Fibla Ganzenmuller, waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur taghha,

iddikjara li din l-imputata hija disposta taghmel tajjeb ghal nofs il-hsarat naxxenti minn din l-imputazzjoni. Mill-istima ezebita mill-Ufficjal Prosekutur jirrizulta li l-hsara kollha sofferta mill-Gvern ta' Malta f'dan l-incident tammonta globalment ghas-somma ta' sebgha mija u disgha u ghoxrin Euro (€729.00). Il-Qorti ikkunsidrat li l-imputazzjoni numru seba', cioe dik ta' hsara volontarja ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, hija fil-konfront tal-imputata Ganzenmuller u ta' *Omissis*, u ghalhekk ikun gust li l-imputata Ganzenmuller thallas nofs id-danni kagunati biss.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddeciedi hekk:

*Fil-konfront tal-imputat Luis Casas Pombo*

Wara li rat l-Artikoli 95, 338(ee), 339(1)(d), u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 3, 4 u 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 465.35, issib lill-imputat Luis Casas Pombo hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' xaharejn, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, il-Qorti qed tikkundannah ukoll ghal piena ta' hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hames mitt Euro (€500), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-15 ta' Gunju 2020, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi

*Fil-konfront ta' Jorge Martin Gutierrez*

Wara li rat l-Artikoli 95, 338(ee), 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 465.35, issib lill-imputat Jorge Martin Gutierrez hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena

karcerarja ta' xaharejn, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, il-Qorti qed tikkundannah ukoll ghal piena ta' hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hames mitt Euro (€500), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-15 ta' Gunju 2020, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

*Fil-konfront tal-imputata Blanca Fibla Ganzenmuller*

Wara li rat l-Artikoli 95, 338(ee), 339(1)(d) u, 338(dd) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 3, 4 u 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 465.35, issib lill-imputata Blanca Fibla Ganzenmuller hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' disa' (9) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ghal piena ta' hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hames mitt Euro (€500), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-15 ta' Gunju 2020, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Ai termini tat-tielet proviso tal-Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda in oltre tikkundanna lill-hatja Blanca Fibla Ganzenmuller ghal piena ta' multa ohra ta' tlett mija u hamsa sittin Euro (€365.00), rapprezentanti d-danni kagunati minnha lill-Gvern ta' Malta, liema multa ghandha tithallas minnufih, u fin-nuqqas tigi konvertita fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lit-tlett hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza, u l-konsegwenzi f'kaz li jonqsu milli josservawha, u cioe f'kaz li jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**